MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 764/2006

**Paul Mercieca (numru tal-karta tal-identita’ 235352 M) bhala stralcjarju ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Supermaster Limited (C 18955)**

**-vs-**

**E & S Trading Limited (C14945)**

**Il-Qorti**

Rat l-**atti** tar-**rikors** li permezz tieghu ir-rikorrent nomine issottometta:

1. Illi s-socjeta’ attrici ghaddejja minn proceduri ta’ stralc taht l-awtorita’ tal-Qorti u b’digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta’ Lulju 2001 fl-atti tar-rikors numru

535/01 prezentat fit-3 ta' April 2001 mis-socjeta' Supermaster Limited huwa gie mahtur bhal stralcjarju;

2. Illi fil-kors ta' l-imsemmija proceduri ta' stralc kif ukoll mill-indagni li ghamel l-istralcjarju tal-kotba tal-kumpanija attrici, rrizulta illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' hamsa u erbghin elf lira (Lm45,000.00) oltre l-imghaxijiet skond il-ligi kif jigi ppruvat ahjar fil-kawza;

3. Illi s-socjeta' konvenuta giet debitament interpellata thallas dan l-ammont permezz ta' zewg ittri ufficjali prezentati fl-10 ta' Settembru 2001 u 9 ta' Awissu 2004 izda baqghet inadempjenti;

Tghid ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghaliex ghar-ragunijiet premessi dina l-Onorabbli Qorti ma ghandiex u prevja kull dikjarazzjoni mehtiega:-

1. Tikkundannaha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsa u erbghin elf lira (Lm45,000.00) oltre l-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali hawn fuq riferiti kontra s-socjeta' konvenuta li hija ngunta biex tidher in subizzjoni.

Rat ir-**risposta tas-socjeta' intimata** a fol. 22 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok it-talba hija preskritta ai termini tal-Ligi u dan abbazi tal-artiklu 2148b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi fit-tieni lok u dan minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba pretiza mir-rikorrent hija nfondata kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt u dan kif ser jigi ndikat u ppruvat fil-kors tal-kawza principalment minhabba l-fatt illi dan l-allegat dejn mhuwiex hlief f' *book entry* li kellu jigi kkancellat minhabba l-fatt illi l-esponenti kellu jiehu xi flus minghand l-istess socjeta' rikorrenti peress li kienet

qieghda tikri xi propjeta' lis-socjeta' rikorrenti u dan apparti dejn iehor.

3. Illi minhabba l-fatt li z-zewg socjetajiet kellhom l-istess azzjonisti dan id-dejn qatt ma gie kkancellat u bhala fatt dan l-allegat dejn kellu jigi pacut;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota tad-29 ta' Ottubru, 2007 li permezz taghha r-rikorrenti ceda s-sorte u zamm ferm il-kap tal-ispejjez;

Fic-cirkostanzi tastejni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors;

Spejjes ghas-socjeta' intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------